# *KUNSILL LOKALI MARSA*

*Minuti tat-Tnejn u Għoxrin il- laqgħa tal-Kunsill tal-Marsa li saret nhar l-Erbgħa 14 ta' Ottubru 2009 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, fil-Ħamsa w nofs ta' filgħaxija (5.30pm)*

***Prezenti***

| | |
|---|---|
| Is-Sur Francis Debono | Sindku |
| Is-Sur Christopher Spiteri | Vici Sindku |
| Is-Sur Dominic Spencer | Kunsillier |
| Is-Sur Joe Grima | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Buhagiar | Kunsillier |
| Is-Sur Frank Zammit | Kunsillier |
| Is-Sur Noel Scerri | Kunsillier |

## 1. **Talba**.

Is-Sur Francis Debono qal it-talba.

## 2. ***Approvazzjoni tal-Minuti tal-Wieħed u Għoxrin laqgħa tal-Kunsill li saret nhar l-Erbgħa 30 ta' Settembru 2009.***

Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni tal-Minuti tal-Wieħed u Għoxrin laqgħa tal-Kunsill tal-Marsa li saret nhar l-Erbgħa 30 ta' Settembru 2009, wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi mistoqsijiet jew kummenti fuq ir-reqqa tagħhom. Is-Sur Anthony Buhagiar ssekonda. Is-Sindku s-Sur Francis Debono, l-Vici Sindku s-Sur Christopher Spiteri u l-Kunsilliera, s-Sur Dominic Spencer, is-Sur Anthony Buhagiar, is-Sur Noel Scerri, s-Sur Joe Grima u s-Sur Frank Zammit vvotaw favur. Hadd ma kien kontra.

## 3. ***Korrispondenza mit-30 ta' Settembru sa l-14 ta' Ottubru 2009.***

Is-Sinkdu s-Sur Francis Debono ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill ittra mibgħuta mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali bħala tweġiba għat-talba tal-Kunsill li jħallas lill-Fondazzjoni Suret il-Bniedem għax-xogħolijiet ta' tindif li jista' jsir mir-refuġjati.

Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq għall-attenzjoni ukoll in-notifika li l-proġett tal-lift taħt l-iskema ta' Fondi Aċċessibilita għal Lokalitajiet Sostenibbli il-Kunsill ġie mhejjun b' €10,000.00.

Is-Sindku s-Sur Francis Debono ġab għal attenzjoni tal-Kunsill ukoll li nhar is-Sibt 17 ta' Ottubru 2009, l-uffiċċju tal-Kunsill ser jkun miftugħ kif ordnat mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali. Huwa kompla jgħid li waħda mill-Impjegati aċċettat li temporanjament taħdem kull nhar ta' Sibt sakemm il-Kunsill jingaġġa part-timer, filwaqt li l-impjegata l-oħra ma tistax tiġi kkunsidrata biex taħdem nhar ta' Sibt skont l-istess Dipartiment tal-Kunsilli Lokali minħabba li qeda fuq bażi ta' "reduced hours".

Is-Sindku s-Sur Francis Debono ġab għal attenzjoni tal-Kunsill żewġ korrispondenzi mibgħuta mill-Għaqda Trinita' Qaddisa u mill-Għaqda Marija Regina fejn dawn qed jitolbu € 328 għal servizz ta' reklam fuq id-djarju u kalendarju tagħhom. Is-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona li dawn jiġu approvati mill-Kunsill. Is-Sur Dominic Spencer issekonda. Is-Sindku s-Sur Francis Debono, l-Vici Sindku s-Sur Christopher Spiteri  u l-Kunsilliera, s-Sur Dominic Spencer, is-Sur Anthony Buhagiar, is-Sur Noel Scerri,  s-Sur Joe Grima u s-Sur Frank Zammit  vvotaw favur. Hadd ma kien kontra.

Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq għad-diskussjoni korrispondenza mibgħuta mill-ADT sabiex tinqala' c-central strip li ġiet irranġata fuq diversi talbiet mill-MTA u mill-MMA. Hu ppropona li l-Kunsill ma jilqax din it-talba minħabba n-neċessita li kellha bżonn titranga kif ukoll li dan ix-xogħol kienet tiġa mgħarfa bih l-ADT. Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Is-Sindku s-Sur Francis Debono, l-Vici Sindku s-Sur Christopher Spiteri  u l-Kunsilliera, s-Sur Dominic Spencer, is-Sur Anthony Buhagiar, is-Sur Noel Scerri,  s-Sur Joe Grima u s-Sur Frank Zammit  vvotaw favur. Hadd ma kien kontra.

Ġie deċiż li s-Sur Frank Zammit liema kunsillier aċċetta dan l-inkarigu li jagħmel kuntatt ma l-ADT sabiex issir laqgħa dwar it-toroq tal-Lokalita'. Dan għandu jinforma lill-Kunsill bid-data u l-ħin tal-laqgħa.

## 4. ***Schedule of payments 10/09***

Is-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona li ji[u approvati l-pagamenti wara l-ispjegazzjoni ddettaljata li s-Segretarju Eżekuttiv ta lill-Kunsilliera preżenti u wara li ]add mill-membri preżenti ma kellhu xi mistoqsijiet jew kummenti fuqhom. Is-Sur Noel Scerri ssekonda.   Is-Sindku s-Sur Francis Debono, l-Vici Sindku s-Sur Christopher Spiteri  u l-Kunsilliera, s-Sur Dominic Spencer, is-Sur Anthony Buhagiar, is-Sur Noel Scerri,  s-Sur Joe Grima u s-Sur Frank Zammit  vvotaw favur. Hadd ma kien kontra.

## 5. ***Purchase Order minn numru 2524  sa 2534***

Is-Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Order minn numru 2524  sa 2534 għal approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi kummenti jew mistoqsijiet, is-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Is-Sur Christopher Spiteri  ssekonda. Is-Sindku s-Sur Francis Debono, l-Vici Sindku s-Sur Christopher Spiteri  u l-Kunsilliera, s-Sur Dominic Spencer, is-Sur Anthony Buhagiar, is-Sur Noel Scerri,  s-Sur Joe Grima u s-Sur Frank Zammit  vvotaw favur. Hadd ma kien kontra.

## 6. ***Purchase Request minn numru 1314 sa 1324***

Is-Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Request minn numru 1314 sa 1324 għal approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi kummenti jew mistoqsijiet, is-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom.Is-Sur Christopher Spiteri ssekonda. Is-Sindku s-Sur Francis Debono, l-Vici Sindku s-Sur Christopher Spiteri u l-Kunsilliera, s-Sur Dominic Spencer, is-Sur Anthony Buhagiar, is-Sur Noel Scerri, s-Sur Joe Grima u s-Sur Frank Zammit vvotaw favur. Hadd ma kien kontra.

## 7. ***Kampanja ta' l-Għazla ta' l-Iskart***

Is-Sindku s-Sur Francis Debono nforma lill-Kunsill li minn Ottubru kif ntalab mill-Gvern, it-tariffa tar-rimi ta' l-iskart ser tkun mħallsa direttament mill-Kunsill, liema tariffa hija ekwivalenti għal mhux anqas minn €20 (Għoxrin Ewro) kull tunnellata. Għal dan il-għan il-Kunsill irid jibda' b'inizjattiva sabiex ir-residenti jibdew jisseparaw l-iskart sabiex l-iskart ta' filgħaxija jonqos bil-konsegwenza li l-ispiża tal-ġbir ta' l-iskart tonqos. Għalhekk il-Kunsill għandu jniedi kampanja fuq l-għazla ta' l-iskart fejn fost l-oħrajn il-pubbliku jibda' jingħata boroz b'xejn għar-rimi ta' skart provduti mill-Kumpanija GreenPak wara ftehim li ntlaħaq, liema kumpanija l-Kunsill għażel sabiex tamministra l-iskart. Il-ġbir ta' skart separat isir it-Tlieta u l-Gimgħa mingħajr ma jonqos dak ta' filgħaxija. Skips zgħar jistgħu jiġu ssupplixuti mill-Kumpanija b'sussidju mill-Kunsill kif ukoll isiru skips varji f'ċerti żoni fil-Lokalita'. Is-Sur Dominic Spencer ssekonda. Is-Sindku s-Sur Francis Debono, l-Vici Sindku s-Sur Christopher Spiteri u l-Kunsilliera, s-Sur Dominic Spencer, is-Sur Anthony Buhagiar, is-Sur Noel Scerri, s-Sur Joe Grima u s-Sur Frank Zammit vvotaw favur. Hadd ma kien kontra.

## 8. ***Pubblikazzjoni ta' Flyer għal Kampanja ta' tindif***

Is-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona li jintbgħat "flyer" bħala kampanja ta' tagħrif dwar ir-rimi ta' skart separat bid-deċiżjonijiet li l-Kunsill ħa sabiex il-Lokalita' tal-Marsa tagħti l-kontribut tagħha sabiex l-iskart jiġi aktar separat. Is-Sur Dominic Spencer ssekonda. Is-Sindku s-Sur Francis Debono, l-Vici Sindku s-Sur Christopher Spiteri u l-Kunsilliera, s-Sur Dominic Spencer, is-Sur Anthony Buhagiar, is-Sur Noel Scerri, s-Sur Joe Grima u s-Sur Frank Zammit vvotaw favur. Hadd ma kien kontra.

## 9. ***Part time worker għal nhar ta' Sibt***

Għal dan il-għan is-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona li l-Kunsill għandu jdaħħal skrivana part time fuq skala 15 għal tlett siegħat u nofs fil-ġimgħa u l-avviz għandu jsir kif mitlub mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali, jigifieri l-ewwel jintbgħat lill-Kunsilli Lokali u mbgħad fin-nuqqas ta' applikazzjonijiet jintbgħat lill-ETC. Is-Sur Dominic Spencer ssekonda. Is-Sindku s-Sur Francis Debono, l-Vici Sindku s-Sur Christopher Spiteri u l-Kunsilliera, s-Sur Dominic Spencer, is-Sur Anthony Buhagiar, is-Sur Noel Scerri, s-Sur Joe Grima u s-Sur Frank Zammit vvotaw favur. Hadd ma kien kontra.

## 10. Latrina tan-nisa fi Ġnien Spencer

Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab sabiex jinħareġ avviz fejn il-Kunsill jitlob kwotazzjonijiet tax-xogħol ta' tqegħid ta' madum u xogħol ta' tibdil tal-kanen fil-Latrina tan-nisa li tinsab fi Ġnien Spencer. Dan ix-xogħol għandu jsir għas-sena finanzjarja li jmiss jiġifieri wara Jannar 2010. Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Is-Sindku s-Sur Francis Debono, l-Vici Sindku s-Sur Christopher Spiteri u l-Kunsilliera, s-Sur Dominic Spencer, is-Sur Anthony Buhagiar, is-Sur Noel Scerri, s-Sur Joe Grima u s-Sur Frank Zammit vvotaw favur. Hadd ma kien kontra.

## 11. Gallariji fi Triq San Pawl

Is-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona li l-Kunsill japplika għal permessi kollha neċessarji fuq il-pjanti li l-perit tal-Kunsill kien hejja żmien ilhu. Dan għandu jsir sabiex meta jinħarġu fondi addizzjonali mill-EU l-Kunsill ikun jista' japplika minnufiħ. Dawn il-pjanti għandhom jitpoġġew għad-dispożizzjoni tal-Kunsill fis-seduta li jmiss. Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Is-Sindku s-Sur Francis Debono, l-Vici Sindku s-Sur Christopher Spiteri u l-Kunsilliera, s-Sur Dominic Spencer, is-Sur Anthony Buhagiar, is-Sur Noel Scerri, s-Sur Joe Grima u s-Sur Frank Zammit vvotaw favur. Hadd ma kien kontra.

## 12. Mistoqsijiet

Is-Sur Dominic Spencer talab li l-pubblikazzjoni tal-Minuti jerġu jibdew jitqassmu lir-residenti. Is-Sindku s-Sur Francis Debono ssekonda. Is-Sindku s-Sur Francis Debono, l-Vici Sindku s-Sur Christopher Spiteri u l-Kunsilliera, s-Sur Dominic Spencer, is-Sur Anthony Buhagiar, is-Sur Noel Scerri, s-Sur Joe Grima u s-Sur Frank Zammit vvotaw favur. Hadd ma kien kontra.

Is-Sur Dominic Spencer talab lill-Kunsill jidher magħqud waqt "Press Conference" u mhux wieħed joskura lill-ieħor.

Is-Sur Noel Scerri talab għal aktar infurzar tal-liġi tat-traffiku fl-inħawi tal-każin tar-Regatta u fi Triq Patri Felician Bilocca.

Is-Sur Frank Zammit saqsa fuq it-tindif mill-Kunsill bir-refuġjati. Is-Sur Francis Debono irrisponda bl-ittra ta' kunsens mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali u li bl-iskema ta' Kampanja ta' Tindif il-Kunsill ser jipprova jiġbor il-flus kollha li ħallas għas-servizz tagħhom.

Il-Vici Sindku s-Sur Christopher Spiteri saqsa sabiex il-Kunsill jitkixxef fuq informazzjoni li waslitlu li t-tibdil li kien proġettat għal Triq Dicembru 13 jikkonsisti li minflok underground ser isir flyover minn Ġnien Spencer b' għoli ta' sular li jkun ta' nkonvenjent kbir għar-residenti. Is-Sur Frank Zammit ħa l-inkarigu sabiex issir laqgħa ma l-ADT fuq dan il-każ ukoll.

## ***13. Aġġornament tal-Laqgħa***

Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 18 ta' Novembru 2009 fil-ħamsa w nofs ta' filgħaxija (5.30pm)

Il-Laqgħa spiċċat fis - sebgha nieqes kwart ta' filgħaxija (6.45pm)

________________
Francis Debono
Sindku

____________________
Adrian Attard B.Comm.B.A.(Hons) MBA
Segretarju Eżekuttiv